MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2004

Avviz Numru. 18/2003

Joseph, Lawrence u Peter ilkoll ahwa Bugeja ezercitanti n-negozju taht isem id-ditta Bugeja Fish Market .

Vs

Emanuel u Maureen konjugi Balzan .

Il-Qorti ;

Rat l-avviz illi permezz tieghu l-atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex ma ghandhomx jigu kkundannati jhallsuhom is-somma ta' elfejn hames mija u tlieta u ghoxrin lira maltija u disa' centezmi (Lm2523.09) rapprezentanti l-ammont li ghadu dovut minnhom konvenuti bhala bilanc minn debitu ikbar ghal diversi konsenji ta' hut mixtri minnhom u dan kif jirrizulta minn skrittura annessa dokument A flimkien ma' rendikont Dok. B li jinkludi wkoll l-imghax sal-10 ta' Settembru, 2003 .

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju fl-ismijiet fuq premessi numru 144/2003 u dak ipprezentat kontestwalment ma' dan l-avviz, tal-ittri interpellatorji datati 26 ta' Novembru, 2002, 16 ta' Gunju, 2003, 11 ta' Lulju, 2003, tad-29 ta' Awissu, 2003 u tad-9 ta' Settembru, 2003 u bl-imghaxijiet skond il-Ligi b'effett mill-10 ta' Settembru, sad-data tal-hlas relattiv .

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni debitament ingunti .

Rat id-dokumenti annessi ma’ l-istess avviz .

Rat id-depozizzjoni ta’ l-attur Joseph Bugeja, tal-15 ta’ Jannar, 2004 .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li permezz taghha, eccepew illi t-talba attrici hija nfondata fid-dritt u fil-fatt stante illi l-ammont kif pretiz mhuwiex dovut .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .

Innutat illi fl-udjenza tas-sitta ta’ April, 2004 gew prezentati kapitoli fil-konfront ta’ l-istess konvenuti . L-istess konvenuti naqsu li jidhru ghal l-udjenza tal-lum, u dan wara li ssejhu tlett darbiet .

Il-Qorti ghal hekk fethet il-kapitoli, inqraw l-istess kapitoli li skond il-ligi ghandhom jigu dikjarati ammessi, u ghal hekk tiddecidi l-kawza billi tilqa’ t-talba attrici, tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi, is-somma ta’ elfejn u hames mija tlieta u ghoxrin lira tlieta u ghoxrin lira u disa’ centezmi (Lm2523.09) rapprezentanti l-ammont li ghadu dovut mill-konvenuti bhala bilanc minn debitu ikbar ghal diversi konsenji ta’ hut mixtri minnhom u dana kif jirrizulta minn skrittura anness ma’ l-istess avviz markat bhala dokument A, flimkien ma’ rendikont dokument B, li jinkludi wkoll l-imghaxijiet sal-10 ta’ Settembru, 2003 .

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju fl-ismijiet premessi f’dan l-avviz, u dak prezentat kontestwalment ma’ dan l-avviz, tal-ittri

interpellatorji datata 26 ta’ Novembru, 2002, tas-16 ta’ gunju, 2003, tal-11 ta’ Lulju, 2003, tad-29 ta’ Awissu, 2003, u tad-9 ta’ Settembru, 2003, u bl-imghaxijiet ulterjuri skond il-Ligi b’effett minn l-10 ta’ Settembru, 2003, sad-data tal-pagament relattiv, kollox kontra l-istess konvenuti .
S1803Pc

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------